

Brussell, 27 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7383/26

CDR 41

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar tliet membri u żewġ membri supplenti,  
proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**li taħtar tliet membri  
u żewġ membri supplenti,  
proposti mir-Repubblika Taljana,  
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71<sup>2</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Francesco ACQUAROLI u għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Luciano Emilio CAVERI u s-Sur Luca ZAIA saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Roberta ANGELILLI u għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Michele EMILIANO saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (5) Il-Gvern Taljan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sa Roberta ANGELILLI, *Assessore della Regione Lazio* (Ministru Reġjonali tar-Reġjun tal-Lazio), is-Sur Aurelio MARGUERETTAZ, *Consigliere regionale, Consiglio regionale della Valle d'Aosta* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Valle d'Aosta), u s-Sur Alberto STEFANI, *Presidente della Regione Veneto* (President tar-Reġjun tal-Veneto).

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj>).

- (6) Il-Gvern Taljan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sur Francesco ACQUAROLI, *Presidente della Regione Marche* (President tar-Reġjun tal-Marche), u s-Sur Antonio DECARO, *Presidente della Regione Puglia* (President tar-Reġjun tal-Puglia),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030:

(a) bħala membri:

- Is-Sa Roberta ANGELILLI, *Assessore della Regione Lazio* (Ministru Reġjonali tar-Reġjun tal-Lazio),
- Is-Sur Aurelio MARGUERETTAZ, *Consigliere regionale, Consiglio regionale della Valle d'Aosta* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Valle d'Aosta),
- Is-Sur Alberto STEFANI, *Presidente della Regione Veneto* (President tar-Reġjun tal-Veneto),

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sur Francesco ACQUAROLI, *Presidente della Regione Marche* (President tar-Reġjun tal-Marche),
- Is-Sur Antonio DECARO, *Presidente della Regione Puglia* (President tar-reġjun tal-Puglia).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---